



L-Aħjar Prassi fit-taħriġ tal-imħallfin u l-prosekuturi

Kategorija tal-prassi: Valutazzjoni tal-Prestazzjoni tal-Parteċipanti fit-Taħriġ u l-Effett tal-Attivitajiet ta' Taħriġ

Tip ta' prassi: Prassi Promettenti

Pajjiż: Il-Pajjiżi I-Baxxi

April 2014

Titolu tal-prassi	"Uri Dak li Tgħallimt"
<i>Karatteristiċi prinċipali:</i>	<p>Fil-Pajjiżi I-Baxxi l-parteċipanti fi programm ta' sentejn ta' tmexxija ta' livell għoli kienu meħtieġa jagħmlu preżentazzjoni finali fi tmiem il-programm ta' taħriġ.</p> <p>F'din il-preżentazzjoni huma kellhom "juru u jagħtu eżempji" ta' dak li tgħallmu matul il-kors, li jippermettilhom jirriflettu u jagħmlu awtovalutazzjoni dwar jekk kinux laħqu l-għanijiet tat-tagħlim. Barra minn hekk, il-preżentazzjoni ispirathom imorru lil hinn minn preżentazzjoni xotta u fattwali ta' x'sar matul it-taħriġ u b'hekk ittrasformaw il-preżentazzjoni - bħala l-aħħar impenn - f'tip ta' seminar dwar il-politika għall-Kunsill tal-Ġudikatura dwar kwistjonijiet ta' tmexxija.</p> <p>Barra minn hekk, il-preżentazzjoni ta' ċertifikati ta' suċċess saret mill-parteċipanti stess, akkumpanjata minn diskors qasir dwar il-prestazzjoni u l-progress tal-kollegi bejniethom.</p> <p>B'dan il-metodu kienu possibbli l-valutazzjoni u t-turija tal-għarfien u l-ħiliet imtejjba tal-parteċipanti.</p>
<i>Detalji ta' kuntatt tal-istituzzjoni</i>	<p><i>Training and Study Centre for the Judiciary (SSR)</i></p> <p>Indirizz postali: Postbus 5015 3502 JA Utrecht</p> <p>Indirizz ta' kuntatt: Uniceflaan 1 3527 WX Utrecht</p> <p>Telefown: + 31 88 361 3212</p> <p>Indirizz elettroniku: csr.international@ssr.nl</p>

	Sit elettroniku: http://www.ssr.nl
<i>Kummenti oħrajn</i>	<p>Il-metodu deskritt iwettaq il-livell 2 ta' tal-mudell ta' evalwazzjoni ta' taħriġ Kirkpatrick. Peress li hija sistema ta' evalwazzjoni pjuttost riċenti u ġie applikata darba biss, f'attività ta' taħriġ partikolari, għandha tiġi kklassifikata bħala PRASSI PROMETTENTI.</p> <p>Madankollu, l-idea tista' sservi ta' bażi ta' ispirazzjoni għall-evalwazzjoni tat-taħriġ mogħti lill-imħallfin u l-prosekuturi li jaħdmu fi qrati superjuri.</p>

Sors: Proġett Pilota - Taħriġ Ġudizzjarju Ewropew: "Lott 1 – Studju dwar l-aħjar prassi fit-taħriġ tal-imħallfin u l-prosekuturi", imwettaq min-Netwerk Ewropew tat-Taħriġ Ġudizzjarju (EJTN)